MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' April, 2010

Appell Civili Numru. 913/2006/1

**Ronald Urpani**

**vs**

**Dr. Joe Zammit Tabona**

**Il-Qorti,**

Fl-1 ta' Frar, 2010, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz tal-attur fejn talab lill-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500), ekwivalenti ghal elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmi (€1,164.69), *ossia* ammont iehor verjuri li jista' jirrizulta f'dawn il-proceduri rapprezentanti valur ta' hsarat u danni kkagunati fil-vettura tal-attur inkluz

*loss of use* meta xi gebel jew materjal iehor waqghu ghal fuqha mill-fond ta' residenza tal-konvenut. Bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta' dan l-Avviz u bl-ispejjes kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi t-talba attrici ghandha tigi michuda ghax diretta hazin u subordinatament u minghajr pregudizzju hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Illi l-konvenut mhux il-proprjetarju tal-fond minn fejn qed jigi allegat li waqghet gebla fuq il-vettura tal-attur f'Tas-Sliema. Il-gebla ma setghetx waqghet "mir-residenza tal-konvenut", kif tghid it-talba, ghax il-konvenut joqghod San Giljan u mhux f'Tas Sliema.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut qatt ma awtorizza x-xoghol *de quo,* qatt ma ra l-vettura *de quo*, qatt ma ra l-hsara allegata, qatt m'approva xejn fejn gie mitlub jaghmel dan u lanqas il-Pulizija ma qatt kelmitu dwar l-incident, formalment jew informalment; kollox jidher li sar unilateralment u *ad insaputa* tal-konvenut - *res inter alias acta* - u allura l-konvenut zgur mhux tenut jirrizarcixxi lill-attur.

Ra x-xhieda tal-attur Ronald Urpani, li jispjega li kien is-sid tal-vettura tal-marka Saab li kienet igib in-numru ta' registrazzjoni URP 012. Fil-kaz in kwistjoni kien ipparkja l-vettura tieghu quddiem il-bieb tad-dar tieghu, fejn kien hemm il-*yellow lines* u kien hallieha hemm ghal xi jumejn (2).

Meta kien mar wara jumejn sabiex juza l-vettura, sab li kien waqghet parti tal-gallerija ta' dar fil-vicinanzi fejn kienet ipparkjata l-vettura.

Kien ghamel rapport ghand il-Pulizija kif ukoll kien qabbad *Surveyor*, certu Philip Attard, li hejja s-*survey report*. Kien hallas sitta u ghoxrin lira Maltin

(Lm26), u cioe' ekwivalenti ghal sittin Euro u sitta u hamsin centezmu (€60.56) lil Attard.

Kien hawn li tkellem mal-konvenut, li kien infurmah, anke permezz ta' ittra, li l-proprjeta' ma kienitx qed tigi amministrata minnu, izda minn uliedu. Sa fejn kien jaf, ir-residenza tal-konvenut kienet f'San Giljan, mhux ta' Sliema, fejn sehh l-allegat incident.

Jikkonferma wkoll li l-konvenut kien diga' jaf b'dan l-incident ghaliex kienu avzawh xi nies, waqt li hu kien imsiefer.

Ra li b'digriet tieghu tat-12 ta' Frar, 2009, it-Tribunal kien ordna li jigu kjamati fil-kawza ulied il-konvenut Andrea u Raffaela Zammit Tabona, u dan ghaliex il-proprjeta' kienet ghaddiet ghandhom permezz ta' wirt.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi li qed jigi kkunsidrat hija l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni mqajjma mill-kjamati fil-kawza, kif ukoll marbuta maghha hija l-eccezzjoni tal-konvenut, li qatt ma seta' jinzamm responsabbli, ghaliex il-fond mertu tal-kawza odjerna, ma kienitx proprjeta' tieghu, izda kien parti mill-wirt ta' Mary Zammit Tabona li thalliet lill-kjamati fil-kawza.

Il-konvenut esebixxa testament *unica charta* li sar bejn il-konvenut u martu, datat 28 ta' Novembru, 1988, fejn hallew lil xulxin uzufruttwarji tal-assi ereditarji, filwaqt li nnominaw bhala eredi universali u padruni assoluti tal-assi ereditarji taghhom lin-neputijiet Raffaella u Andrea Zammit Tabona.

Gie sottomess, li l-mara tal-konvenut kienet mietet fit-3 ta' April, 2006, ghalkemm fl-ebda stadju ma gie pprezentat ic-certifikat tal-mewt taghha.

Dan jistabilixxi li l-proprjetarji tal-fond in kwistjoni, effettivament mhux il-konvenut, izda l-kjamati fil-kawza, u ghalhekk gustament intalab li jiffurmaw parti mill-kawza u dan ghal finijiet tal-integrita' tal-gudizzju.

Il-konvenut irrileva wkoll li din il-proprjeta' kienet proprjeta' parafernali ta' martu, l-ittra li baghat lill-attur a fol 22 tal-process, izda ma jirrizultax lit-Tribunal li dan huwa minnu, ghaliex fil-kuntratt ta' akkwist tat-30 ta' Novembru, 1957, ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. George Bonello Dupuis jidher li Mary Zammit Tabona, kienet diga' zzewwget lill-konvenut meta kienet akkwistat l-*utile* dominju perpetwu ta' blokk ta' appartamenti numru 20, Point Str, Sliema.

Preskrizzjoni

Il-kjamati fil-kawza eccepew illi l-azzjoni hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u din hija l-preskrizzjoni ta' sentejn ghaliex hemm talba ta' danni minhabba allegat incident fejn waqa' materjal mill-fond tal-konvenut u ghalhekk il-hsarat ma jirrizultawx minn reat.

L-azzjoni nfethet it-12 ta' Ottubru, 2006 u l-kjamati fil-kawza gew notifikati bl-Avviz fl-24 ta' Marzu, 2009 u ghalhekk il-perjodu ta' sentejn kien ghadda u ghalhekk it-Tribunal jiddeciedi li l-azzjoni hija preskritta fil-konfront tal-kjamati fil-kawza.

Jibqa' ghalhekk sabiex jigi determinat jekk il-konvenut kienx responsabbli ghal dawn l-allegati hsarat, meta ma kienx sid tal-fond, mertu tal-vertenza odjerna.

Skont it-testment *unica charta* li kellu ma' martu, kienu hallew lil xulxin uzufruttwarjii tal-assi ereditarji taghhom. Peress li kien baqa' haj u martu mietet, ghandu jigi stabbilit, jekk bhala uzufruttwarju jidholx responsabbli ghal allegat hsarat.

Bhala uzufruttwarju ghandu biss jedd ta' tgawdija tal-proprjeta' li tappartjeni lil haddiehor f'dan il-kaz, uliedu, izda l-istess konvenut jikkonferma li ma kienx joqoghod hemmhekk.

Madanakollu, huwa uzufruttwarju jidhol ghal dan id-dritt fuq hwejjeg fl-istat li jsibhom u ghandhom jirritornahom fl-istat meta jispicca dan l-uzufrutt, hlief li jibqa' responsabbli ghal hsarat li jigu kkagunati b'tort tieghu, ossia li ma jezercitaw dik il-prudenza  u hsieb ta' missier tajjeb tal-familja.

Dawn l-obbligi huma riflessi sew fil-Ligi u inoltre taht id-disposizzjonijiet ta' "Delitti u Kwazi-Delitti" hemm stipulat illi:-

***"1029. Kull hsara li tigri b'accident jew b'forza magguri, ibatiha fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-Ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara.***

***1030. Kull min jaghmel uzu ta' jedd tieghu fil-qies li jmiss, ma jwegibx ghall-hsara li tigri b'dan l-uzu.***

***1031. Izda, kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu.***

***1032. (1) Jitqies fi htija kull min bl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja.***

***(2) Hadd ma jwiegeb, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-Ligi, ghall-hsara li***

***tigri minhabba nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb fi grad akbar.***

***1033. Kull min, bi hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza, jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikse xi dmir impost mil-Ligi, hu obbligat ghall-hsara li tigri minhabba f'hekk."***

L-attur qed izomm lill-konvenut responsabbli ghall-hsara li garrab fil-karooza tieghu, u dan allegatament minhabba li waqa' xi gebel mill-gallarija tal-konvenut.

L-oneru tal-prova kienet tinkombi fuq l-attur sabiex jipprova illi kien hemm nuqqas ta' diligenza jew prudenza da parti tal-konvenut jew li l-istess konvenut ma kienx uza l-jedd tieghu ta' uzufruttwarju fil-qies li tirrikjedi l-Ligi.

Mill-provi migubra qatt ma ssemma f'liema stat kienet tinstab din il-gallarija, jekk kienitx fi stat hazin jew li ma kienx hemm sinjali ta' manutenzjoni regolari, jew sahansitra li l-istess gallarija kienitx tirrapprezenta perikolu ghal terzi minhabba li ma kienetx fi stat tajjeb. Dan kollu ma rrizultax, jew ahjar ma giex ppruvat, fl-ebda stadju tal-provi. Anzi, lanqas sar l-icken accenn ghall-istat tal-gallarija, hlief li kienu waqghu xi gebel.

Tenut kont ta' dawn il-fatti, l-ipotesi hija li dawn waqghu accidentalment u mhux necessarjament tort tal-konvenut u ghandu jkun l-istess attur li ghandu jbati dawn l-ispejjes ladarba naqas li jipprova l-kaz tieghu.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici, bl-ispejjes kontra tieghu."

L-appell ta' l-attur minn din is-sentenza hu fis-sens illi t-Tribunal ghamel apprezzament zbaljat tal-ligi u qatt ma messu in bazi ghall-provi prodotti ddikjara li l-konvenut ma kienx responsabbli ghall-hsarat subiti fil-vettura tieghu wara l-waqgha ta' gebel fuqha mill-gallarija tal-fond li tieghu l-konvenut kien uzufruttwarju;

Jidher mill-korp tas-sentenza appellata illi t-Tribunal argina r-ragonament kollu tieghu fuq zewg livelli, u cjoe li:-

(i) kien jinkombi fuq l-attur li jipprova li kien hemm nuqqas ta' diligenza u ta' prudenza fil-konvenut jew li l-konvenut ma kienx uza l-jedd tieghu ta' uzufruttwarju fil-qies li tirrikjedi l-ligi;

(ii) la ma giex provat illi ma saretx manutenzjoni regolari fil-gallarija jew li din kienet fi stat ta' periklu, l-ipotesi hi li l-gebel waqghu accidentalment;

Il-fatti essenzjali ma jidhrux li huma kontestati.  Brevement riprodotti, jirrizulta illi l-vettura ta' l-attur, li kienet parkeggjata, sofriet hsarat meta fuqha waqghu bicciet tal-gallarija ta' blokka ta' bini li tieghu l-konvenut kien l-uzufruttwarju.  Ir-ritratti esebiti minn fol. 13 sa fol. 17 jikkonfermaw l-akkadut u l-ezistenza tal-hsarat fuq il-vettura.  Il-konvenut iddefenda ruhu bl-eccezzjoni li l-fond ma kienx ir-residenza tieghu u li hu ma kienx fi htija ghal dak li gara.  Huwa ma xehedx fil-proceduri izda mill-ittra tieghu tat-22 ta' Awissu, 2006 (fol. 22) mibghuta lill-attur huwa kkampa dik id-difiza tieghu fuq certi disposizzjonijiet tal-Kodici Civili, senjatament il-kaz fortuwitu u ezenzjonijiet mill-htija extra-kontrattwali, anke jekk zied jghid illi huwa ha passi rimedjali immedjatament li l-fatt ingieb a konoxxenza tieghu;

Il-gravam adottat mill-appellanti hi li r-responsabilita tal-konvenut kellha tigi valutata in bazi ghal certi disposizzjonijiet taht l-istitut ta' l-Uzufrutt u b'mod partikolari l-Artikolu 363 tal-Kodici Civili li jobbliga lill-uzufruttwarju jaghmel tajjeb ghat-tiswijiet ordinarji u, ukoll

ghal riparazzjonijiet straordinarji li jmissu lis-sid jekk jigi stabbilit li dawn ikunu saru hekk mehtiega minhabba li ma jkunux saru t-tiswijiet ordinarji, fosthom ukoll dawk li kienu jinhtiegu fil-bidu ta' l-uzufurtt.  Mhux kontrastat illi l-konvenut kien l-uzufruttwarju tal-fond li minnu waqghu l-gebel mill-gallarija ghaliex tali veste fih tirrizulta mit-testment *unica charta* tat-23 ta' Novembru 1988 minnu stess esebit a fol. 27.  *Qua* uzufruttwarju, huwa kellu allura l-pussess effettiv u attwali tal-fond minhabba li lilu kien imiss dak il-godiment.  Din hi konsiderazzjoni deciziva u kien mistenni li t-Tribunal jaghtiha d-debita importanza;

Dan premess, din il-Qorti ma tistax taccetta l-proposizzjoni generika tat-Tribunal illi l-attur appellanti ma ressaq ebda prova ta' sustanza in mertu ghad-determinazzjoni tar-responsabilita u/jew li f'kull kaz si trattava minn accidentalita`.  Certu principju ta' prova effettivament jezisti u dan mill-fatt fih innifsu tal-waqgha ta' bicciet mill-gallarija ghal fuq il-vettura tieghu.  Mhux dan biss, pero, ghaliex il-Qorti hi wkoll sodisfatta, fuq il-kriterju l-aktar baxx tal-probabilita, mill-ezistenza tan-ness prossimu bejn kawza u effett ghall-akkollar tar-responsabilita.  La saret din il-prova ma kienx jinkombi fuq l-attur l-oneru li jipprova jekk il-konvenut adottax dawk il-mizuri necessarji permezz ta' debiti riparazzjonijiet tal-fond uzufruwit minnu biex jiskansa l-hsara.  Prova bhal din kienet certament tinteressa lill-proprjetarju nudo li jaghmilha fir-rapport intern bejnu u l-uzufruttwarju fil-kaz ta' disputa bejniethom, izda zgur ma kellux ikun mistenni illi t-terz, f'rapport extra-kontrattwali, jaghmel hu l-prova jekk l-uzufruttwarju ezegwiex jew le l-manutenzjoni jew it-tiswija okkorrenti.  Anzi, fil-kaz partikulari, prova bhal din kienet gravanti esklussivament fuq il-konvenut ghaliex kien hu li ddefenda ruhu bil-kaz fortuwitu.  Intant, il-konvenut baqa' ma xehedx;

Ankorke l-fond ma kienx ir-residenza attwali tal-konvenut (aspett dan mhux daqstant materjali biex jipparalizza l-oggett tat-talba) izda biss li l-istess kien soggett ghall-

uzufrutt tieghu, dikjaratament jinzel mill-istess definizzjoni ta’ l-uzufrutt fl-Artikolu 328 tal-Kapitolu 16 u minn disposizzjonijiet ohra varji f’dan l-istitut illi l-ligi timponi fuq l-uzufruttwarju l-adozzjoni ta’ certa attivita ghall-ahjar kustodja u konservazzjoni tas-sustanza materjali tal-fond suggett ghall-uzufrutt tieghu. Dan sija billi jaghmel it-tiswija ordinarja, sija wkoll li javverti lin-nudi proprjetarji bil-htiega ta’ riparazzjonijiet straordinarji fejn dawn huma hekk necessitati. Jekk allura hi l-ligi li tghabbi fuqu dawn l-obbligi, huwa bizzejjed li jintwera objettivament mit-terz l-ezistenza tal-kuntrast bejn il-kondotta ta’ l-uzufruttwarju u l-obbligi legali hekk imposti in kwantu ma jkunx hemm ghalfejn illi l-attur-terz jipprova elementi ohra ta’ kolpa ghaliex f’kaz bhal dan il-htija hija *in re ipse*. Jekk allura, kif inhu l-kaz hawnhekk, jezisti legam kawzali bejn il-htija ghall-inosservanza tal-ligi u l-event dannuz ma hemmx htiega li wiehed joqghod jistharreg il-kondotta ta’ l-agent tad-dannu skond il-kriterji soliti. Senjatament dawk tal-prevedibilita jew ta’ l-evitabilita` ghaliex dawn huma diga insiti fil-valutazzjoni espressa mil-legislatur fid-disposizzjoni. Evidentement, it-tiswijiet ordinarji li l-ligi tghabbi fuq spallejn l-uzufruttwarju huma proprjament mahsuba bi skop preventiv ghall-evitar tal-hsara. La kif diga intqal din il-prova ma saretx mill-konvenut, l-inosservanza tal-precett iggib l-event dannuz;

Tabilhaqq, imbaghad, il-konvenut uzufruttwarju ma jistax jistahba wara l-iskuzanti li hu ma kellux konoxxenza ta’ xi possibbli perikolu fil-gallarija li minnha waqa’ l-gebel, tant ghaliex hu kien responsabbli mill-kustodja tal-fond fid-durata ta’ l-uzufrutt, tant ghaliex ukoll skop tal-ligi b’dik id-disposizzjoni (Artikolu 363) hu li tipprevjeni s-sehh ta’ l-event tal-hsara b’konsegwenza ta’ xi att determinat. Dan kemm fil-kaz tal-fond, soggett ta’ l-uzufrutt, kemm fir-rigward ta’ beni ta’ terzi. Enfatikament, imbaghad, ghandu jinghad illi t-Tribunal ma kellux jikkuntenta ruhu bis-semplici difiza astratta ta’ l-accidentalita ghaliex apparti li din l-prova kienet tmiss lill-konvenut li ressaqha (ara “**Consiglia Fenench -vs- Angelo Carabott**”, Appell Civili, 17 ta’ Novembru, 1941) hu kellu, b’gudizzju, jkun perswaz u konvint qabel xejn illi l-konvenut adempixxa ghall-oneru

legali impost fuqu u dan, jekk hemm bzonn jigi ripetut, bl-appozita prova provvduta mill-istess konvenut illi hu zamm ruhu ghall-obbligu tat-tiswija u tal-manutenzjoni inkombenti fuqu mil-ligi. Gjaladarba prova bhal din ma saretx, opportunement ta' min ifakkar l-enuncjazzjoni oltre sekolari illi "*il concetto del caso fortuito, in quanto almeno alla irresponsabilita` che ne deriva, viene meno quando concorre il fatto positive o negativo dell'uomo*". Ara "**P.L. Costantino Fenench -vs- Camillo Gatt *nomine et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 17 ta' Mejju, 1902 u "**Pubblio Azzopardi -vs- Antonio Arcicovich *et***", Appell Civili, 14 ta' Novembru, 1919.

Ghall-motivi kollha predetti l-Qorti qed taccetta l-appell u thassar u tirrevoka s-sentenza appellata. Tilqa' invece t-talba ta' l-attur u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont mitlub bl-Avviz, flimkien ma' l-imghaxijiet mid-data tan-notifika ta' l-istess Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza jitbatew mill-konvenut appellat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------